MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1105/2002

**Francois Spiteri.**

**vs.**

**Rachel Shaw f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha l-minuri Darren Spiteri u d-Direttur tar-Registru Pubbliku u Jeremy Busuttil.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici pprezentata fit-2 ta' Ottubru 2002 (a fol. 1) fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta Rachel Shaw kienu zzewgu nhar id-disgha (9) ta' Lulju 1999, f'San Pawl tat-Targa, Naxxar, Malta;

Illi damu jghixu flimkien ghal inqas minn sitt (6) xhur biss u ghalhekk wara inqas minn sitt (6) xhur il-konvenuta Rachel Shaw telqet mid-dar matrimonjali u minn dak inhar huma sseparaw *de facto* u wara sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena tas-6 ta' Gunju 2002;

Illi mill-gurnata meta Rachel Shaw telqet mid-dar sal-gurnata tal-lum huma dejjem baqghu fizikament mifruda;

Illi l-konvenuta kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija u huwa sar jaf biss b'din it-tarbija meta l-konvenuta qaltlu bil-fatt meta tlaqaw mal-Avukati ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni fis-sitta (6) ta' Gunju 2002, fejn hija nfurmatu li fis-seba' (7) ta' April 2002 hija kellha tifel Darren Spiteri u li fl-att tat-twelid tal-imsemmi tifel, Francois Spiteri gie registrat bhala l-missier;

Illi l-konvenuta ammettiet li minn meta hija sseparat *de facto* minn ma' l-attur hija kienet bdiet relazzjoni ma' Jeremy Busuttil;

Illi peress illi t-tarbija twieldet meta l-attur u l-konvenuta Rachel Shaw kienu ghadhom ma sseparawx legalment, it-tarbija Darren Spiteri gie mnizzel bhala wild ta' l-attur Francois Spiteri;

Illi skond l-**artikolu 70 (a) (b) u (d) tal-Kodici Civili** hemm lok li l-attur Francois Spiteri jichad li jaghraf bhala ibnu lit-tifel Darren Spiteri ghax

(a) It-tarbija twieldet wara tliet mitt jum li l-attur kien mifrud *de facto* minn martu u ghalhekk kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu peress li kien joqghod 'l boghod minnha;

(b) Li fl-istess zmien martu kienet ghamlet adulterju u hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija;

Illi ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghalhiex ma ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tikkonferma lil Rachel Shaw bhala l-kuratrici *ad litem* tal-minuri Darren Spiteri;

2. Tiddikjara li t-tarbija Darren Spiteri tifel ta' Rachel Shaw mhux il-wild naturali tal-attur Francois Spiteri;

3. Tordna l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid ta' Darren Spiteri, att numru 1427 tas-sena 2002, sabiex il-paternita' tal-minuri tigi korretta.

Il-konvenuti mharrka sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda li ghamlet l-attrici a fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut d-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-27 ta' Frar 2003 a fol 15 tal-process fejn gie ecceppiet:-

(1) Illi fil-mertu, bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent mhux edott mill-fatti u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi xjentifiki li jkunu opportuni, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

(2) Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid numru 1427 tas-sena 2002 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

(3) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 15.

Rat il-verbal datat 3 ta' April 2003 fejn gie estiz iz-zmien ghall-prezentata affidavits attrici u l-kawza thalliet ghan-notifika ghall-5 ta' Gunju 2003.

Rat ir-rikors tal-attur datat 30 ta' Mejju 2003, fejn talab bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza li l-imsemmija kawza tinstema' mal-kawza tal-konvenuti bi citazzjoni numru 974/2002 RCP.

Rat id-digriet datat 2 ta' Gunju 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba u l-Qorti ordnat il-konnessjoni tal-kawzi (fol. 21).

Rat in-nota tal-attur datata 5 ta' Gunju, li permezz taghha prezenta l-affidavit tieghu datat 2 ta' Gunju 2003 a fol. 24 u 25 tal-process.

Rat il-verbal tal-5 ta' Gunju 2003 fejn il-kawza baqghet ghan-notifika tal-konvenuti Rachel Shaw u Jeremy Busuttil.

Rat ir-rikors tal-attur datat 29 ta' Settembru 2003, fejn talab lil din l-Qorti:-

1. Sabiex tawtorizza *DNA Testing* bejnu u bejn il-minuri Darren Spiteri biex dina l-Onorabbli Qorti jkollha prova ohra li Francois Spiteri ma huwiex il-missier naturali ta' l-istess minuri;

2. Joghgobha tappunta lil Dr.Renald Blundell tal-Medical Laboratory Services ta' St.James Hospital bhala espert xjentifiku, dana provizorjament a spejjes tar-rikorrent u taht dawk il-kondizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti tqies xierqa;

3. Joghgobha testendi z-zmien ghat-trattazzjoni finali *in vista* tar-rikors odjern.

Rat id-digriet datat l-1 ta' Ottubru 2003, fejn il-Qorti cahdet it-talba f'dan l-istadju stante li l-konvenuta kienet ghada mhux notifikata sal-gurnata li nghata dan id-digriet;

Rat il-verbal tat-8 ta' Ottubru 2003, fejn Dr. Evelyn Caruana Demajo ghall konvenuti u Dr. Isabelle Bharwani ghall-attur qabblu li l-provi li ngabru fil-kawza Citaz. Nru. 974/2002 ghandhom jghoddu bhala provi f'din il-kawza fil-waqt li Dr. Roma D'Alessandro rremetiet ruhha ghall-atti u

l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta' Dicembru 2003.

Rat ir-rikors ta' Rachel Shaw u Jeremy Busuttil datat 21 ta' Novembru, 2003 fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiehu konjizzjoni ta' dawn il-fatti.

Rat id-digriet datat 25 ta' Novembru, 2003 fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat l-atti kollha tal-kawza Citaz. Numru 974/2002/RCP.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attur** fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Illi nhar id-disa ta' Gunju 1999 izzewigt lil Rachel Shaw fil-Kappella ta' San Pawl tat-Targa. Meta zzewigna Rachel diga kellha tifla minn Jeremy Busuttil. Sew Rachel kif ukoll it-tifla gew joqghodu mieghi wara z-zwieg taghna;*

*Illi fis-seba' ta' Dicembru ta' l-istess sena 1999 beda jinqala' l-inkwiet bejnietna u dana ghax Rachel kienet reget bdiet tiltaqa ma' Jeremy Busuttil minn wara dari, kif sirt naf ftit wara minn Rachel stess, u fit- tmienja (8) ta' Jannar tas-sena 2000, hija telqet mid-dar matrimonjali taghha, u sa fejn naf jien, tramite l-familjari taghha, hija marret toqghod ma l-istess Jeremy Busuttil;*

*Illi ghall-ewwel ftit xhur jiena zammejt l-kuntatt mal-familja ta' Rachel Shaw, izda qatt ma zammejt kuntatt direttament maghha. Wara ftit xhur minn meta hija telqet mid-dar, jiena qtajt ghall-kollox ukoll l-kuntatt mall-familjari taghha;*

*Illi wara li kien kemm xi korrispondenza bejn l-avukati taghna, fil-25 ta' Lulju 2001 saret laqa' bejnietna fil-*

*presenza tal-avukati taghna biex niftehmu fuq s-separazjoni bonarja ta' bejnietna. U minn dak inhar 'l quddiem l-unici kuntatti bejnietna dejjem saru tramite/permess ta' korrispondenza bejn l-avukati biss u qatt bejnietna direttament;*

*Illi fis-6 ta' Gunju 2002 deherna it-tnejn li ahna quddiem l-Onor. Imhallef Vincent De Gaetano u ffirmajna il-kuntratt tas-separazzjoni bonarja, u kien dak in-inhar waqt li konna lkoll il-Qorti, li l-Avukata ta' Rachel Shaw infurmatni li Rachel kellha tarbija ohra f' April tas-sena 2002, bl-isem ta' Darren Spiteri, u li kien hemm problema ghax jiena kont qed nigi ndikat bhala l-missier fuq ic-certifikat tat-twelid ta' dan it-tifel billi dan it-tifel twieled meta ahna konna de facto separati izda konna ghadna mizzewgin ghax ghad ma konniex legalment separati;*

*Illi jien qatt ma kont naf li hija kienet tqila jew li kellha tarbija ohra qabel din il-gurnata;*

*Illi jidher ukoll li Rachel Shaw lanqas kienet infurmat bil-fatt tat-tqala lill-Avukat taghha stess, izda kull meta l-Avukat tieghi provat tmexxi l-affarijiet 'l quddiem ghas-separazzjoni bonarji billi ma kienx hemm xi diffikulta dwar din, Rachel Shaw qatt ma kienet tirrispondi l-korrispondenza;*

*Illi li minn dan in-nhar tas-sibt 8 ta' Jannar tas-sena 2000, jiena qatt ma kelli kuntant, intimu jew b'xi mod iehor barra kif spjegat qabel, ma' Rachel Shaw u ghal daqstant bl-ebda mod ma nista' nkun il-missier naturali ta' l-imsemmi Darren Spiteri".*

Illi l-**konvenuta** pprezentat l-affidavit taghha datat 12 ta' Marzu 2003 fil-kawza l-ohra fl-ismijiet **"Rachel Shaw proprju et nomine vs Francois sive Francis Spiteri"** (Citaz. Numru 974/02/RCP) u fih tghid:-

*"Illi jiena legalment separata minn ma' Francois Spiteri u ghalkemm isseparajt bonarjament fit-13 ta' Gunju 2002, konna ilna li sseparajna de facto minn Dicembru tal-1999;*

*Illi jien omm il-minuri Darren Spiteri li twieled fis-sebgha ta' April tas-2002 (07.04.02) kif ukoll ta' Clarissa Busuttil li twieldet fl-erbgha ta' Dicembru tan-1997 (04.12.97). Uliedi huma t-tnejn ulied il-partner tieghi Jeremy Busuttil;*

*Illi jiena kont qed nikoabita ma' missier uliedi, Jeremy Busutill minn qabel li twieldet Clarissa. Huwa ghalhekk li kunjom Clarissa huwa Busuttil. Meta Clarissa kellha hames xhur, jiena u missierha infridna u bdejna nghixu separatament. Fil-frattemp jiena iltqajt ma' Francois u domna madwar sena gharajjes. Izzewwigna f'Lulju tal-1999. L-uniku raguni li ghaliha kont izzewwigt kien biex nipprova ninsa lil Jeremy u ghax hsibt illi t-tarbija ma kienx ser ikollha father figure jekk ma nizzewwigx. Ghalhekk dan iz-zwieg kien ta' konvenjenza biss. Fil-fatt f'Dicembru tal-1999, ir-relazzjoni ta' bejnet Francois u bejni kienet spiccat ghal kollox u kont bdejt nerga nfittex il-kumpanija ta' Jeremy kif jaf Francois stess. Fil-fatt f'Jannar tas-2000, jigifieri sitt xhur wara li zzewigt lil Francois jiena tlaqt mid-dar matrimonjali ghaliex ir-relazzjoni tieghi u ta' Jeremy kienet miexja sew;*

*"Illi nista' nghid illi minn dak inhar l'hawn ma ergajtx mort lura ma Francois, anzi ftit li xejn rajtu u nistqar ukoll li jiena ma kelli ebda relazzjoni intima jew sesswali ma' Francois minn dakinhar – jigifieri mid-Dicembru tas-1999 sal-llum;*

*Illi jiena u Jeremy bdejna nghixu flimkien mill-gdid u ghadna nghixu ma' xulxin sallum u Jeremy kien l-uniku partner li kelli minn dak inhar 'l hawn. Ma ghandi l-ebda dubju illi fiz-zmien illi inqbat tqila b'Darren l-uniku relazzjoni sesswali li kelli kien ma' missieru u cioe' ma' Jeremy. Inzid nghid li dak iz-zmien konna qeghdin nipprovaw sabiex nkabru l-familja taghna u jkollna tarbija ohra. Issa li twieled Darren u qed jitfarfar kulhadd jinnota ix-xebh kbir li hemm bejnu u bejn missieru. Dawn il-fatturi kollha jkomplu jixhdu l-fatt li Jeremy huwa missier Darren;*

*Illi meta twieled Darren fis-7 ta' April 2002, Jeremy kien hdejja l-isptar u fil-fatt kien hu illi mar biex jirregistra isem ibnu fil-Public Regsitry. Izda meta gie lura mir-Registru qalli li kienu qalulu li ma jistax jirregistrah fuq ismu ghas-*

*semplici raguni illi jiena ma kontx legalment separata u ghalhekk kellu jitnizzel f'isem Francois Spiteri;*

*Illi din l-informazzjoni hasditna u mall-ewwel hadna passi sabiex jitrangaw l-affarijiet biex l-informazzjoni li hemm fil-Public Registry ikun korrett u jirrifletti l-verita';*

*Illi minn naha ta' Francois, billi ma ghadniex nitkellmu, jiena qatt ma kelli l-opportunita' biex nikkjarifika l-affarijiet mieghu;*

*Illi inzid nghid ukoll li l-uniku missier illi jaf Darren illi llum ghandu ghaxar xhur, huwa Jeremy u hadd hliefu. Ma nistax neskludi illi jekk l-affarijiet ma jirrangawx, il-fatt li m'hemmx missieru mnizzel bhala dak li hu fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu jista' jkun li ghad taffettwah b' mod negattiv la jikber u jibda jifhem l-affarijiet."*

Illi gew prezentati l-affidavits ta' hames xhieda ohra, fosthom tal-**konvenut Jeremy Busuttil** datat 28 ta' Marzu 2003 u dan ukoll fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **"Rachel Shaw proprju et nomine vs Francois sive Francis Spiteri"** (Citaz. Numru 974/02/RCP) fejn kkonferma dak kollu li qalet l-attrici u ghall dak li jirrigwarda l-kawza odjerna sostna li kien iltaqa' mal-attrici il-Qawra Palace fil-15 ta' Novembru 1999 u kienu ddecidew li jergaw jghixu flimkien u f'Jannar 2000 l-attrici telqet lir-ragel taghha u bdiet tghix mieghu u qatghet il-kuntatti li kellha mieghu. Fis-sajf tas-sena 2001 sar jaf li l-attrici kien ser ikollha tarbija u segwa t-tqala taghha b'kull mod u kien prezenti meta l-istess attrici weldet lill-minuri mertu tal-kawza odjerna, izda peress li l-attrici ma kienitx legalment separata r-registrazzjoni tal-istess tifel saret bl-indikazzjoni li l-missier tieghu kien r-ragel tal-attrici, l-konvenut Francois Spiteri, peress li l-attrici ma kienitx sa' dak in-nhar legalment separata minnu. Kien ghalhekk li ghamel din il-kawza ghaliex ma jistax jaccetta li ibnu ma jgibx kunjomu; lill-konvenut qatt ma kellmu anke ghaliex l-attrici kienet qatghet kull kuntatt mieghu.

Illi minbarra dan hemm ix-xhieda bl-affidavits ukoll ta' missier l-attur **Michael Busuttil**, ta' omm l-attur **Martha**

**Busuttil**, ta' omm l-attrici **Maria Shaw** u l-ohra ta' missier l-attrici **Joseph Shaw.** a. fol 27 sa 34 tal-process fil-kawza fl-ismjiet appena citati, li tinsab differita ghal-lum stess ghas-sentenza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza giet istitwieta mill-attur sabiex it-tarbija Darren li giet registrata b'kunjom l-attur tigi dikjarata li mhix iben l-istess attur *stante* li huwa ma huwiex missierha u fil-fatt qed jitlob li l-istess tarbija tigi dikjarata li ma hijiex il-wild naturali tal-attur bil-konsegwenti tibdil rikjest fic-certifikat tat-twelid tal-istess tarbija Nru 1427/2002. Fil-fatt din hija l-azzjoni ta' *denegata paternita'* maghmula abbazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi intant l-**artikolu 70 tal-Kap 16** jghid li:-

*"(1) Ir-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg :-*

*(a) jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbiltà fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha, jew minhabba xi aggident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul dak iz-zmien ikun rega' nghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*

*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita`.*

*(2) Id-dikjarazzjoni biss ta’ l-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tifel ma tkunx bizzejjed biex teskludi l-paternità tar-ragel.*

*(3) Il-Qorti tista’ f’kawza ghac-cahda ta’ l-gharfien tat-tarbija, tistieden lill-partijiet kollha jew xi wahda minnhom, kif ukoll lill-wild li l-filjazzjoni tieghu tkun fid-dubju, sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x’taqsam mal-kaz. Il-qorti jkollha l-jedd li tasal ghal dawk il-konkluzjonijiet li jistghu jkunu gustifikati jekk parti ma tkunx trid taghmel dawk l-ezamijiet. Meta t-tifel li dwar il-filjazzjoni tieghu jkun hemm kwistjoni jkun minuri, il-Qorti stess ghandha tistabbilixxi jekk it-tifel jaghmilx l-ezamijiet.”*

Illi kif inghad fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija dik ta’ denegata paternita` u hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata l-legittimita’ ta’ l-ulied u cjoe’:

(a) L-azzjoni ta’ diskonoxximent jew ta’ *denegata paternita’* abbazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *“pater est quae iustiae demonstrat”,* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma fuq kollox ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta’ l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta’ iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta’ din l-azzjoni inghad fil-kawza **“Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et”** (A.C. 14 ta’ Jannar 1952) li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi".*

*"It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu".*

Illi f'kaz maghmul abbazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. (AJ M) 21 ta' Frar 1996) inghad li *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni abbazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-i*status* ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA. (RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas*

*ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'referenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' issir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dan l-istat fattwali japplikaw in-normi stabbiliti fis-sentenza ta’ dina l-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **“Walter Ahar nomine vs Pio Micallef et.”** deciza fil-21 ta’ Frar 1996 peress li ma jezistix l-istat ta’ paternita’ li huwa fattwalment konformi mal-istess certifikat tat-twelid. Illi dwar il-prova necessarja u l-principji applikabbli u a skans ta’ repetizzjoni din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza taghha fl-ismijiet **“Anthony Sant vs John Cutajar et”** (P.A. (RCP) 10 ta’ Novembru 1999).

Illi japplikaw ukoll pero’ n-normi stabbiliti minn din il-Qorti fl-interpretazzjoni li qieghda taghti lill-kuncetti ta’ *“boghod”* u “impossibilita’ fizika” imsemmija fl-**artikolu 77 tal-Kapitolu 16**, fis-sens illi dawn in-normi ghandhom jigu nterpretati fis-sens illi jistghu jaffettwaw il-koncepiment tat-tarbija - ara “**Ronald Bray vs Charmaine Bray**” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta’ Novembru 1997 u “**Spiteri vs Cilia**” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Jannar 1998.

Illi sentenzi ohra tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili li jirrispekkjaw dawna l-principji huma “**Antonella Bartolo vs Paul Fava**” deciza fit-30 ta’ Jannar 1998, “**Miriam Salerno noe. vs Joseph Salerno et**” deciza fil-15 ta’ Settembru 1998, u “**George Grech vs Nazzareno Grech et.”** deciza fit-30 ta’ April 1999.

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi “**Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella”** (P.A. RCP deciza fl-1 ta’ Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); “**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et**” deciza fil-5 ta’ Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **“Anthony Sant vs John Cutajar et”** (P.A. RCP 10 ta’ Novembru 1999); “**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et”** (P.A. RCP deciza fil-5 ta’ Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); “**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`”** (P.A. RCP deciza fl-14 ta’ April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP).

Illi in effetti din il-kawza ta’ *denegata paternita’* saret *ai bazi* tal-**artikolu 73 tal-Kap 16** u fit-terminu hemm preskritt u dan peress li jirrizulta li t-tarbija Darren twieldet

fis-7 ta' April 2002 u l-kawza odjerna giet istitwieta fit-2 ta' Ottubru 2002 u *di piu`* a bazi tal-interpretazzjoni fuq moghtija ghall-artikoli ohra tal-istess Kap, din l-istess interprettazjoni ghandha tinghata ghall-**artikolu 70 (1) (a) u (d) tal-istess Kap 16.**

Illi tenut kont tal-fatt li din l-azzjoni saret mir-ragel tal-omm abbazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** jidher li dawn il-principji jinsabu kkonfermati mid-disposizzjonijiet **1 (a) (b) (c) (d) tal-istess artikolu** u anke mid-disposizzjonijiet tal-**artikolu 73 tal-Kap 16** li jimponi terminu meta l-istess ragel, u ghalhekk l-attur f'din il-kawza jista' jaghmel din l-azzjoni.

Illi fil-fatt l-**artikolu 73 tal-Kap 16** jipprovdi li

***73.*** *Fil-kazijiet illi r-ragel jista' jaghmel kawza sabiex jichad li jaghraf tifel bhala ibnu, hu ghandu jaghmel l-azzjoni:*

*(a) fi zmien sitt xhur mit-twelid, jekk huwa f'dak iz-zmien kien jinsab f'Malta;*

*(b) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jigi lura f'Malta, jekk fiz-zmien tat-twelid hu kien nieqes minn Malta;*

*(c) fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar li jikxef il-qerq, jekk it-twelid kien gie lilu mohbi.*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-**artikolu 70** maghdud mal-**artikolu 73** jindika bic-car li tali azzjoni hija proponibbli meta l-minuri 'n kwisjoni li dwaru tkun qed issir it-talba ma jkunx ottjena dak il-pussess tal-istat ta' iben legittimu, kif deskritt u stabbilit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-gurisprudenza fuq riferita` mehuda fl-ambitu u suggetta ghal dak li hemm indikat partikolarment fl-**artikolu 70 tal-Kap 16** japplika wkoll ghall-kaz *de quo.*

Illi stabbilit il-premess mill-provi prodotti jirrizulta illi l-konjugi Francois Spiteri u Rachel Shaw kienu ilhom separati *de facto* minn Jannar tat-2000 peress li l-konvenuta kienet abbandunat id-dar konjugali u marret tghix mal-missier naturali tat-tarbija, ghalkemm kien biss

fis-6 ta' Gunju 2002 li l-istess konjugi Spiteri sseparaw legalment permezz ta' kuntratt pubbliku datat 6 ta' Gunju 2002 fl-atti tan-Nutar R. Casingena.

Illi apparti dan jirrizulta li l-istess konjugi miz-zwieg taghhom ma kellhomx tfal u damu jghixu flimkien ghall cirka sitt (6) xhur biss.

Illi fil-fatt l-attur fil-affidavit tieghu sostna:

*"Illi fis-seba' ta' Dicembru ta' l-istess sena 1999 beda jinqala' l-inkwiet bejnietna u dana ghax Rachel kienet reget bdiet tiltaqa ma' Jeremy Busuttil minn wara dari, kif sirt naf ftit wara minn Rachel stess, u fit- tmienja ta' Jannar tas-sena 2000, hija telqet mid-dar matrimonjali taghha, u sa fejn naf jien, tramite l-familjari taghha, hija marret toqghod ma l-istess Jeremy Busuttil".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-istess konvenuti Rachel Shaw u Jeremy Busuttil ghixu flimkien kif fil-fatt jirrizulta li ghamlu anke fil-mori tal-kawza, u t-tarbija llum minuri Darren, qatt ma ghexet mal-attur li in verita' lanqas biss qatt rat u wisq inqas taf. In fatti l-attur odjern lanqas biss kien jaf li l-konvenuta kienet tqila, ghax l-konvenut qatt ma infurmatu u hu qatt ma ra jew zamm kuntatt maghha mill-gurnata li sseparaw *de facto*. Il-konguji sseparaw *de facto* madwar sena u nofs qabel twieldet it-tarbija. Dan juri *ai termini* tal-**artikolu 70 (a)** interpretati bil-mod kif indikat fil-gurisprudenza fuq riferita japplikaw ghall-kaz *de quo*. Jidher li f'dan l-kaz li l-attur irnexxielhu jipprova l-istess kawza tieghu anke abbazi tal-**artikolu 70 (1) (b) u (d) tal-Kap 16** ghaliex huwa ammess li l-konvenuta Rachel Shaw kkomettiet adulterju, u fil-fatt ghexet u ghada tghix mal-konvenut l-iehor Jeremy Busuttil, u dan waqt li kienet separata *de facto* minn zewgha, u wkoll hbiet l-istess taqla mill-attur zewgha.

Illi ghalhekk *in vista* tal-premess jirrizulta li l-minuri ndikata fic-citazzjoni attrici mhix it-tarbija tal-attur, u ghalhekk anke *in vista* tal-fatt li l-azzjoni attrici prezentata fit-2 ta' Ottubru 2002 u b'hekk saret fit-terminu ndikat fl-**artikolu**

**73 (a) (b) u (d) tal-Kap 16**, it-talbiet attrici kif proposti ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut d-Direttur tar-Registru Pubbliku biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u fil-kontumacja tal-konvenuti l-ohra (ghalkemm l-konvenuti Rachel Shaw proprju f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha l-minuri Darren Spiteri u Jeremy Busuttil bazikament ammettew it-talbiet attrici), **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tikkonferma lil Rachel Shaw bhala l-kuratrici *ad litem* tal-minuri Darren Spiteri;

2. Tiddikjara li t-tarbija Darren Spiteri tifel ta' Rachel Shaw mhux il-wild naturali tal-attur Francois Spiteri;

3. Tordna li *in vista* ta' dak hawn dikjarat li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid ta' Darren Spiteri, att numru 1427 tas-sena 2002, sabiex il-paternita' tal-minuri tigi korretta, b'dan li l-attur Francois Spiteri ma jibqax jigi indikat bhala l-missier tal-istess tarbija u ghalhekk kull referenza ghal-istess attur bhala missier l-imsemmija tarbija ghandhom jigi kkancellati mill-Att ta' Twelid tal-istess tifel Darren, inkluz il-kliem *"of the said"* mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm, u minflok l-istess tarbija tigi indikata li hija l-wild naturali tal-konvenut l-iehor Jermey Busuttil, *self employed,* bin Michael u Martha nee' Camilleri, residenti Cospicua, u d-dettalji l-ohra kollha tal-istess konvenut Jeremy Busuttil li ghandu l-Karta tal-Identita' Numru 272374 (M), b'dan li fl-istess certifikat u ghall kull effett u buon fini tal-ligi l-istess Jeremy Busuttil ghandu jigi ndikat bhala l-missier naturali tal-istess minuri Darren.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata

ghandha issir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha issir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta Rachel Shaw proprju u l-konvenut Jeremy Busuttil *stante* li ma jirrizultax li l-konvenut l-iehor u l-attur ghandhom ibaghtu spejjez f'din il-kawza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------